



Brussell, 15 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7101/22

CCG 15

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6500/22 ADD 1 CCG 7	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kreditu għall-esportazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kreditu għall-esportazzjoni, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fit-3855 laqgħa tiegħu tal-15 ta' Marzu 2022.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

I. Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet ġenerali

1. JISSOTTOLINJA li l-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati¹ huma lievi essenzjali sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' politika prijoritarja għall-Unjoni Ewropea (UE) u l-Istati Membri tagħha. Dawn l-għanijiet jinkludu l-bini ta' Ewropa industrijali b'saħħitha, filwaqt li tiġi żgurata t-tranżizzjoni lejn b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. B'mod aktar preċiż, il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huma essenzjali għall-kompetittività industrijali globali tal-Ewropa peress li jappoġġaw lill-kumpaniji Ewropej biex jikkompetu għal kuntratti u proġetti barra minn pajjiżhom, u b'hekk jipprovdu impjiegi u tkabbir, inkluż għall-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju, fl-Istati Membri kollha tal-UE. Billi jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali, il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jgħinu fil-promozzjoni ta' aktar kooperazzjoni industrijali u żvilupp aktar mgħaġġel ta' setturi ewlenin ġodda fl-UE. Barra minn hekk, dawn jiżguraw konnettività globali mtejba. Il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huma wkoll strumentali biex l-Istati Membri tal-UE jkunu jistgħu jiffinanzjaw it-tranżizzjoni ekoloġika u jappoġġaw proġetti ambjentalment sostenibbli.

¹ Fit-test, "krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati" tirreferi għal krediti għall-esportazzjoni li jaqgħu taħt l-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati.

2. JENFASIZZA li l-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huma pprovduti mill-Istati Membri tal-UE u l-Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni (ECAs), li wrew li huma strumentali fl-appoġġ tal-kompetittività tal-esportazzjonijiet tal-UE. Madankollu, il-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati huma taħt il-pressjoni ta' bidliet rapidi fl-ekonomija globali u tensjonijiet fil-qafas multilaterali. Barra minn hekk, il-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati li joriġinaw mill-Istati Membri tal-UE huma rregolati ħafna, b'mod partikolari mill-Arranġament tal-OECD dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament tal-OECD") u r-Regolament (UE) Nru 1233/2011. Dawn id-dixxiplini ma ġewx immodernizzati biżżejjed, minħabba l-evoluzzjoni tal-ktajjen tal-valur mondjali u l-kompetizzjoni internazzjonali minn pajjiżi li mhumiex fl-OECD. JINNOTA li għalkemm kien hemm aktar progress fin-negozjati dwar l-Arranġament tal-OECD, dawn għadhom mhumiex qed ilaħħqu mal-pass mitlub kemm mill-ambjenti ekonomiċi kif ukoll klimatiċi li qed jinbidlu.
3. JOSSERVA li l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni (ECA) tal-UE jaħdmu mill-qrib mas-suq privat u jistinkaw biex jikkooperaw aktar ma' xulxin fi ħdan l-UE, kif ukoll ma' fornituri oħra ta' appoġġ finanzjarju (investimenti u żvilupp) fl-UE, f'konformità mal-oġettivi u l-mandati rispettivi tagħhom.
4. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fil-promozzjoni u l-appoġġ ta' bidla fix-xejriet tal-investiment lejn proġetti newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima; IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar il-Finanzjament għall-klima, fejn il-Kunsill jappella lill-"Aġenziji ta' Kreditu għall-Esportazzjoni li għadhom ma għamlux dan biex jistabbilixxu dati ambizzjużi għall-adozzjoni ta' strateġiji ta' allinjament mal-Ftehim ta' Pariġi qabel il-COP26 u biex jimmobilizzaw żieda fil-finanzjament għall-klima inkluż mis-settur privat". JENFASIZZA li jekk il-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għandu jkollhom rwol fit-tranżizzjoni ekoloġika, trid ssir bidla fir-regoli malajr kemm jista' jkun.

5. JILQA' l-fatt li s-sensibilizzazzjoni dwar il-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati qed tiżdied gradwalment fl-UE u l-progress li sar fl-indirizzar ta' sfidi ġodda, inkluż il-kontribuzzjoni għar-rispons ekonomiku għall-pandemija tal-Coronavirus².
6. JAPPOĠĠA l-pjan ta' azzjoni msawwar mill-Grupp ta' Riflessjoni tal-Laboratorju dwar il-Finanzjament għall-Esportazzjoni³ f'Lulju 2020 bil-White Paper dwar il-Finanzjament Pubbliku għall-Esportazzjoni fl-UE. JAQBEL mat-tliet linji ta' azzjoni u rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar it-triq 'il quddiem, jiġifieri: titfassal strateġija komprensiva tal-UE għall-finanzjament pubbliku għall-esportazzjonijiet, il-kummerċ u l-investimenti; jittieħdu r-riedni ta' tmexxija u jiġu involuti fornituri ewlenin ta' finanzi uffiċjali fuq sett globali ta' regoli għall-finanzi pubbliċi tal-esportazzjoni; tiġi żviluppata strateġija għall-użu dedikat tal-finanzjament għall-esportazzjoni biex tappoġġa l-mobilizzazzjoni tal-kapital għat-tranżizzjoni ekoloġika. JESPRIMI r-rieda li jaħdem fuq dawn it-tliet objettivi primarji.
7. JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha għaldaqstant għandhom ikunu minn ta' quddiem fl-adattament tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati sabiex jindirizzaw dawn l-isfidi li qed jevolvu.

II. Patt tal-UE dwar il-klima għall-finanzjament għall-esportazzjoni

8. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fil-promozzjoni u l-appoġġ ta' bidla fl-investimenti lejn proġetti newtrali għall-klima u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JAGĦRAF il-hteġa li l-politiki dwar il-kreditu għall-esportazzjoni jiġu adattati kif meħtieġ, fi sforz biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tiġi limitata għal 1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. JENFASIZZA li tali adattament tal-politiki tal-esportazzjoni jikkombina miżuri għat-tneħħija gradwali tal-appoġġ għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili f'konformità mal-paragrafi 11 u 12, inċentivi biex jissaħħa l-appoġġ għal proġetti ambjentalment sostenibbli, u aktar trasparenza għall-monitoraġġ tal-progress.

² Ara fl-anness "ir-rapport tal-2021 dwar l-iżviluppi fis-sistema tal-UE ta' finanzjament għall-esportazzjoni"

³ Il-membri tal-Laboratorju dwar il-Finanzjament għall-Esportazzjoni (ExFi Lab) jinkludu esperti mill-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja, Franza, l-Italja, in-Netherlands, is-Slovakkja, l-Iżvezja, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-UE.

9. JILQA' l-ftehim tant mistenni li ntlaħaq f'Ottubru 2021 biex jintemm l-appoġġ ta' kreditu għall-esportazzjoni għal impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam mingħajr qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju fl-Arranġament tal-OECD.
10. JIRRIKONOXXI l-aħħar evidenza xjentifika dwar it-tibdil fil-klima, inkluż il-konklużjonijiet tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), u tar-rapport Nett Zero sal 2050 tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, li jenfasizza b'mod ċar il-ħtieġa li mhux biss jitrażżan il-faħam iżda wkoll fjuwils fossili oħra.
11. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tniedi diskussjoni mal-Parteċipanti għall-Arranġament tal-OECD sabiex jintlaħaq qbil dwar it-tmiem ta' krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili, lil hinn mill-faħam u inkluż proġetti taż-żejt u l-gass naturali, sakemm mhux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li jkunu konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5°C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.
12. Sakemm joħroġ ir-riżultat ta' tali diskussjoni fil-livell tal-OECD, b'dan IĦABBAR l-intenzjoni mill-Istati Membri li jiddeterminaw sa tmiem l-2023 fil-politiki nazzjonali tagħhom l-iskadenzi tagħhom ibbażati fuq ix-xjenza għat-tmiem tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili⁴, sakemm mhux f'ċirkostanzi limitati u definiti b'mod ċar li huma konsistenti ma' limitu ta' tisħin ta' 1.5°C u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.
13. JAPPELLA għall-introduzzjoni fl-Arranġament tal-OECD ta' mekkaniżmi finanzjarji biex jiġu inċentivati proġetti ambjentalment sostenibbli; pereżempju kapparri aktar baxxi, maturitajiet itwal, jew aġġustament speċifiku bbażat fuq ir-riskju għall-primjums; IQIS li t-tassonomija tal-UE kif tapplika sal-lum hija l-punt ta' riferiment rilevanti biex jiġu identifikati proġetti ambjentalment sostenibbli.

⁴ Jiġifieri proġetti ta' esplorazzjoni, produzzjoni, trasport, ħżin, raffinar, distribuzzjoni tal-faħam, żejt mhux raffinat, gass naturali, u ġenerazzjoni tal-enerġija mhux imnaqqsa.

14. JINDIKA r-rieda tal-Istati Membri li jarrikkixxu r-rappurtar annwali tagħhom lill-Kummissjoni skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1233/2011, b'rieżami orjentat lejn il-klima tal-attivitajiet rispettivi tagħhom ta' kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati, settur b'settur skont metodoloġija maqbula b'mod komuni li għandha tiġi definita sa tmiem l-2023.

III. Kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni globali u l-modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD.

15. IFAKKAR li l-OECD tipprovdi l-forum għaż-żamma, l-iżvilupp u l-monitoraġġ tad-dixxiplini finanzjarji għall-kreditu għall-esportazzjoni, stabbiliti fl-Arranġament tal-OECD u fil-qafas tal-Ftehim dwar is-Sussidji u l-Miżuri ta' Rimedju tad-WTO. L-Arranġament tal-OECD jistipula l-aktar termini u kondizzjonijiet finanzjarji ġenerużi li l-Parteċipanti jistgħu joffru meta jipprovdu kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati.
16. JIVVALUTA li l-Arranġament tal-OECD qed jiġi dejjem aktar ikkontestat b'finanzjament ipprovdut minn pajjiżi li mhumiex fl-OECD li mhumiex marbuta bl-Arranġament. JIRRIKONOXXI li l-kompetizzjoni minn barra l-Arranġament tal-OECD qed tiżdied u tikkostitwixxi sfida mhux biss għall-UE u l-Istati Membri tagħha, iżda wkoll għall-OECD inġenerali. JIDDISPJACIHI li minkejja ħafna snin ta' negozjati, il-Grupp ta' Ħidma Internazzjonali dwar il-Kreditu għall-Esportazzjoni ma rnexxilux jaqbel dwar dixxiplini finanzjarji komuni usa' għal kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati u li n-negozjati ġew sospiżi sakemm jintlaħaq kunsens dwar l-elementi ewlenin ta' kwalunkwe dixxiplina bħal din.
17. JILQA' l-momentum il-ġdid bejn il-Parteċipanti biex imexxu 'l quddiem il-modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD. IFAKKAR fil-Qafas Komuni għall-Modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD maqbul mill-Parteċipanti f'Ottubru 2020, u JAPPOĠĠA l-ħidma li għaddejja dwar il-prijoritajiet tal-modernizzazzjoni.

18. JENFASIZZA l-ambizzjoni tal-UE li tippromwovi l-proċess ta' modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD, sabiex ma tiġix imfixkla minn qafas obsolet għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati. JENFASIZZA l-interess tal-UE li l-modernizzazzjoni, li l-Parteċipanti bdew id-diskussjonijiet dwarha fl-2019, tipproduċi riżultati reali dalwaqt.
19. Sakemm issir il-modernizzazzjoni, JINDIKA r-rieda tal-Istati Membri li jużaw kull mezz għad-dispożizzjoni tagħhom fi ħdan il-qafas legali tal-Arranġament tal-OECD biex iżidu l-kompetittività tagħhom. B'mod aktar speċifiku, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' impenn fil-proċess ta' modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD, l-Istati Membri lesti li jużaw il-klawżola ta' tqabbil tal-Arranġament tal-OECD u għal dak il-għan, jesploraw modi li bihom itejbu l-kooperazzjoni u jżidu t-trasparenza fost l-Istati Membri u bejn il-Parteċipanti għall-Arranġament tal-OECD meta jitqabblu l-offerti kompetittivi minn dawk li mhumiex Parteċipanti.
20. JESPRIMI r-rieda, f'każ li l-pass tal-progress fost il-Parteċipanti dwar il-modernizzazzjoni ma jkunx sodisfaċenti, li jiġu eżaminati l-possibbiltajiet ta' enfasi mill-ġdid fuq l-interessi strateġiċi u industrijali Ewropej u l-aħjar mod biex dawn jiġu moqdija b'mod awtonomu.

IV. Strateġija tal-UE għall-krediti għall-esportazzjoni

21. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tat-18 ta' Frar 2021 li fiha l-Kummissjoni impenjat ruħha li "tesplora għażliet għal strateġija tal-UE għall-krediti għall-esportazzjoni", inkluż faċilità ta' kreditu għall-esportazzjoni tal-UE u koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji tal-UE.
22. JESPRIMI appoġġ għall-analiżi tal-opportunità ta' koordinazzjoni msaħħa u ta' faċilità ta' krediti għall-esportazzjoni tal-UE bħala komplement għall-faċilitajiet nazzjonali ta' kreditu għall-esportazzjoni, għall-għajnuna għall-iżvilupp, u għall-appoġġ għall-investment, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, u b'mod partikolari għall-NDICI. JINNOTA li l-ħidma tal-Kummissjoni dwar koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji tal-UE qed tавvanza u jhegheg progress rapidu lejn dan l-oġettiv.
23. JILQA' l-Istudju tal-Fattibilità dwar strateġija tal-UE dwar il-krediti għall-esportazzjoni li qed jitwettaq f'isem il-Kummissjoni Ewropea; JEMMEN li dan l-istudju tal-fattibilità huwa opportunità biex titfassal dijanjożi komprensiva tal-ħtiġijiet tal-esportaturi tal-UE u l-valur ta' intervent potenzjali fil-livell tal-UE; JIEĦU NOTA li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti ser ikunu involuti fil-fażi tad-dijanjożi u fit-tfassil ta' kwalunkwe rispons ta' politika.
24. JENFASIZZA li t-tfassil ta' kwalunkwe faċilità possibbli tal-UE jrid jiffoka fuq l-indirizzar tal-fallimenti tas-suq u l-lakuni istituzzjonali u sinerġiji siewja possibbli fix-xenarju tal-UE għall-għoti ta' appoġġ uffiċjali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tidentifika tali fallimenti u lakuni, filwaqt li tħares kemm lejn il-krediti għall-esportazzjoni kif ukoll l-għodod ta' finanzjament għall-iżvilupp.

25. JIĠBED L-ATTENZJONI għall-kapaċitajiet differenti ta' teħid ta' riskju tal-ECAs nazzjonali u kif dawn jistgħu jitlejbu permezz tal-kondiviżjoni tar-riskju, pereżempju permezz ta' riassigurazzjoni, u għall-imġiba tal-banek kummerċjali biex inaqqsu r-riskji fuq is-self lil ċerti setturi jew pajjiżi li jaffettwaw il-kummerċ.
26. IFAKKAR fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2021 dwar "Ewropa Konnessa Globalment" li enfasizzaw il-ħtieġa li l-UE ssegwi approċċ ġeostrateġiku u globali. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Diċembru 2021 intitolata "Il-Portal Globali". JIĠBED L-ATTENZJONI għall-esperjenza u r-rwol ewlieni tal-ECAs nazzjonali fil-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u l-partijiet ikkonċernati meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija tal-UE dwar il-Global Gateway.
-